**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Marzu, 2018**

**Talba Nru: 61/2018 PM1**

**Brandon Brincat (ID 133694(M)) ezercenti l-kummerc taht l-isem 'Brandon Fisheries'**

**Vs**

**Duo Foods Ltd (C65580)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-sebgha (7) ta' Frar, 2018 permezz ta' liema l-attur talab is-somma ta' elfejn hames mija tmienja u sittin euro u tmienja u sebghin centezmu (€2568.78) rapprezentanti bilanc li ghadu dovut lilu mis-socjeta` konvenuta rapprezentanti prezz ta' hut u/jew prodotti tal-hut mibjugha u kkonsenjati lilha *wholesale* fin-negozju taghha inkluz ezercenti l-kummerc fil-Marsaxlokk Waterpolo Club bl-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-dati tal-fatturi relattivi indikati

fuq il-prospett anness mal-istess avviz sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez kollha relatti ma' din il-kawza inkluzi l-ispejjez tal-ittra bonarja tat-tnax (12) ta' Jannar, 2018 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment ma' dan l-avviz.

Ra l-istatement anness mal-avviz tat-talba fl-ammont mitlub u datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru, elfejn u sbatax (2017) referibbli ghall-konsenji li sehhew fuq medda ta' zmien li tmur mis-sebgha (7) t'Awwissu, 2017 sat-tmienja u ghoxrin (28) t'Ottubru, elfejn u sbatax (2017) u l-kopja tal-ittra bonarja datata 12 ta' Jannar, elfejn u sbatax (2017).

Illi s-socjeta` konvenuta giet debitament ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` intimata giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher hadd ghaliha ghas-seduti tat-13 ta' Marzu, 2018, 22 ta' Marzu, 2018 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Sema' x-xhieda moghtija llum stess mir-rikorrenti Brandon Brincat.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tax-xhieda tieghu ir-rikorrenti ikkonferma l-ammont mitlub bhala wiehed dovut mis-socjeta` intimata u dana in rapprezentanza ta' prezz ghal prodotti tal-hut mibjughin u kkonsenjati mill-istess rikorrenti lis-socjeta` konvenuta ai fini tan-negozju taghha fil-pitch ta' Marsaxlokk. Huwa fisser li minkejja li sar da parti tieghu tentattiv sabiex jithallas huwa rcieva biss pagament mis-socjeta` konvenuta ammontanti ghal elfejn u erba' mitt euro (€2400) wara liema hlas baqghet dovuta s-somma mitluba permezz ta' dawn il-proceduri. Huwa kkonferma l-istatement a fol. 3 tal-process u wkoll li qabel dawn il-proceduri giet mibghuta ittra bonarja u flimkien maghhom mandat ta' sekwestru.

Illi min-naha taghha ghas-socjeta` intimata ma deher hadd fl-ebda wahda mis-seduti ffissati f'dan il-kaz u lanqas ma tressqet ebda risposta da parti tal-istess socjeta` konvenuta.

Illi it-talba odjerna tinsab ampjament pruvata u kkonfermata tramite d-dokumentazzjoni ezebita u wkoll tramite x-xhieda tal-istess rikorrenti kif hawn fuq dettaljat. Jirrizulta wkoll minn tali xhieda li l-ammont mitlub jirrapprezenta bilanc minn prezz ta' prodotti tal-hut mibjughin u kkonsenjati mill-attur lis-socjeta` konvenuta fil-kuntest tal-gestjoni kummercjali min-naha ta' din tal-ahhar tal-Marsaxlokk Waterpolo Club. Kwindi, a tenur tal-art. 1141 tal-Kodici Civili, l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-dati tal-konsenji relattivi meta suppost kellu jigi affetwat il-hlas. Fir-rigward tal-ispejjez dawn ukoll ghandhom jigu sopportati interament mill-intimat salv ghal dawk koncernanti l-ittra bonarja li ma gewx likwidati.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma mitluba ta' elfejn hames mija tmienja u sittin euro u tmienja u sebghin centezmu (€2568.78) rapprezentanti bilanc minn prezz ta' prodotti ta' hut mibjughin u kkonsenjati mill-attur lill-istess socjeta` konvenuta bl-imghaxijiet mid-dati tal-fatturi relattivi indikati fuq il-prospett anness mal-istess avviz sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mat-talba kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**